# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 260/2016**

Il-Pulizija

vs

**Ritianne Cutajar**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 145181(M)

Illum, 10 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Ritianne Cutajar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-31 ta' Dicembru, 2015 bejn il-5pm u s-7pm hdejn il-bini tal-Agenzia Appogg fi Triq San Luqa, Pieta' rrifjutat li taghti access lill-wild taht il-kustodja taghha lil Anthony Degabriele hekk kif ordnata mill-Qorti jew hekk kif marbuta bil-kuntratt minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta’ Mejju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputata hatja u ikkundannatha ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanta Ritianne Cutajar ipprezentat fit-18 ta’ Mejju, 2016 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija nhar id-9 ta' Mejju, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D. fis-sens illi tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti sabet htija fil-konfront tal-appellanta u tirrevokaha, thassarha u tikkancellaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti imponiet piena ta' gimgha detenzjoni u konsegwentement tikkundanna lill-appellanta ghal piena aktar mita u ideonja fic-cirkostanzi, u dan taht dawk il-provvedimenti li jdirilha xierqa u opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

Illi pendenti quddiem dawn i1-Qrati hemm appell iehor simili ghal dan fejn l-appellanta diga' kellha opportunita' tissottometti dwar kemm il-fatt illi trid twassal it-tifel l-Agenzija Appogg ghall-access qed joho1qi1ha problemi stante li ma ssuqx. Huwa biss frott l-intransigenza tal-kwerelant illi kellhom isiru dawn il-proceduri ghaliex filwaqt illi l-kwerelant isuq qieghed isibha bi tqila biex imur jigbor it-tifel hu mir-residenza ta' 1-appellanta u cioe' mill-Fgura.

Illi ghalhekk, ghad li dawn ic-cirkostanzi ma jistghux iwasslu biex l-appellanta tigi liberata l-appellanta tissottometti bir-rispett li l-piena inflitta fuqha kienet wahda eccessiva. Dan qieghed jinghed anke jekk l-istess piena hija fil-parametri tal-ligi. Tenut kont tal-fatt li l-appellanta ghandha fedina penali netta, u li dan kien l-uniku incidenet ta' dan it-tip, l-appellanta tissomettmeti li piena ta' detenzjoni hija wahda eccessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2017 il-parte civile nfurmat lil din il-Qorti li m'ghandhux aktar interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu.  Dwar il-piena.  Tilqa l-appell ta' Ritianne Cutajar.  Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tehles lill-appellanta taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.